# Soċjetà Filarmonika **Leone**
(A.D. 1863)

Banda Ċittadina Leone • Teatru tal-Opra Aurora • Festi Esterni ta' Santa Marija

**www.leone.org.mt • www.teatruaurora.com**

Leone Philharmonic Society,
100, Republic Street,
Victoria, VCT 1017,
Gozo, Malta

+356 21562974

info@leone.org.mt


Ċirkulari Tesserati u Partitarji 01/18 Il-Ħamis 4 ta' Jannar 2018

**Tessera 2018**

Għeżież,

Ippermettuli sabiex, f'ismi u f'isem is-Soċjetà Filarmonika Leone, inwasslilkom l-awguri għas-sena l-ġdida. Ispirati mix-xbieha t'Ommna Santa Marija, dawn l-awguri huma msaħħa bit-talb lejn din Ommna sabiex iżżomm idejha fuq kull wieħed u waħda minnha, kemm f'ħidmietna fi ħdan din is-Soċjetà, iżda wkoll f'ħajjitna lill'hinn minnha.

Hekk kif għadu kemm inħatar Kumitat ġdid ftit tal-jiem ilu, dan il-perjodu ta' tiġdid fis-sena, isarraf f'perjodu ta' pjanar lejn sena oħra ta' ħidma. Il-kalendarju ta' din is-Soċjetà huwa ferm impenjattiv, u għalhekk nixtiequ li kull partitarju jkun dejjem aktar qribna u attiv fl-attivitajiet artistiċi, kulturali u soċjali kollha.

Fil-bidu ta' kull sena, is-Soċjetà Filarmonika Leone ġġedded is-sejħa tagħha għat-tesserament. Ma' din it-tessera s-Soċjetà torbot ukoll xi privileġġi li, fis-sena li għaddiet (500 tesserat) bosta tesserati minnkom għamiltu użu minnhom. Il-privileġġi, flimkien mad-disinn għas-sena 2018, formula u dettalji oħra jinsabu annessi ma' din iċ-ċirkulari. Ta' min jinnota li, din is-sena, it-tessera se tkun iddedikata lill-istatwa ta' Santa Marija, li fil-jiem li ġejjin se tkun qed titlesta mill-proċess ta' restawr u tindif. Bħala Soċjetà ninsabu imħeġġa sabiex, flimkien mal-Parroċċa tal-Katidral, niċċelebraw dan il-mument – mument li jdur madwar l-istatwa li kważi 62 sena ilu sawret ħolqa tad-deheb bejn il-Katidral t'Għawdex u s-Soċjetà Filarmonika Leone.

Apparti minnhekk, nixtieq nistieden lil kull wieħed u waħda minnkom sabiex tingħaqdu mas-Soċjetà Filarmonika Leone fl-*Ikla Annwali*. Din se tkun organizzata nhar il-Ħadd 21 ta' Jannar 2018, fin-12.30pm, ġewwa l-Lukanda Calypso, f'Marsalforn. Biljetti bi prezz ta' €25 għall-adulti u €10 għat-tfal (taħt l-10 snin) jistgħu jinkisbu sal-Erbgħa 18 ta' Jannar 2018 mis-Segretarjat tas-Soċjetà (99130694), mingħand John Schembri (79554891) jew Teresa Grima (79551419).

Filwaqt li nerġa nġedded l-awgurju tiegħi għal sena mimlija risq, saħħa u hena, nixtieq minn qalbi nirringrazzjakom għas-sapport u sostenn li dejjem tagħtu lis-Soċjetà Filarmonika Leone. Inħares 'l quddiem sabiex, flimkien mal-Kumitat elett, il-Banda Ċittadina Leone, il-Kummissjonijiet, il-Fergħat, membri tesserati u partitarji, li kollha flimkien jiffurmaw is-Soċjetà tagħna, nagħmlu sena oħra ta' ħidma u suċċessi hekk kif jixraq lill-ewwel Soċjetà mużikali Għawdxija.

Tislijiet mill-qalb,

Thomas Bajada

Segretarju